31968D0359

19.10.1968 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 257/1

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tal-15 ta' Ottubru 1968
## li tapplika l-Artikoli 48 u 49 tat-Trattat għad-dipartimenti Franċiżi barranin

(68/359/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 227(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 227(2) jipprovdi illi l-Kunsill għandu jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, apparti minn dawk li jinsabu fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u 49 tat-Trattat, għandhom japplikaw għad-dipartimenti Franċiżi barranin;

Billi l-liberta ta' moviment tal-ħaddiema x'aktarx tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' dawk id-dipartimenti,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*L-Artikolu 1*

L-Artikoli 48 u 49 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea u l-miżuri meħuda fl-implimentazzjoni ta' dawk l-Artikoli għandhom japplikaw għad-dipartimenti Franċiżi barranin.

*L-Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, taħt il-"Leġislazzjoni I". Għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-15 ta' Ottubru 1968.

*Għall-Kunsill —*

*Il-President*

G. SEDATI